

PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi

2008/2237(INI)

4.12.2008

OPINJONI

tal-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi

għall-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija

dwar Att dwar in-Negozji ż-Żgħar
(2008/2237(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Anni Podimata

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi jistieden lill-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

- A. billi n-nisa, f'hafta negozji żgħar tal-familja, minkejja l-kontribut tagħhom għall-attività, ma għandhomx l-istess status legali bħas-sħab tagħhom, billi jkun ħaddiema jew impjegati tal-familja li ma jitħallsux filwaqt li s-sieħeb tagħhom ikun is-sid tal-fabbrika,
- B. billi n-nisa sikwit ma jitħallewx jiżviluppaw l-attivitajiet ekonomiċi tagħhom minħabba nuqqas ta' netwerks soċjali u ekonomiċi li jistgħu jappoġġjaw l-inizjattivi tagħhom, kif ukoll minħabba l-evalwazzjoni differenti tal-ħtiġijiet ekonomiċi bejn in-nisa u l-irġiel u l-aggressività tal-ambjent tan-negozju,
- C. billi n-nuqqas, jew il-livell imnaqqas, ta' ħarsien soċjali li huwa disponibbli għan-nisa li jaħdmu għal rashom huwa ostaklu sinifikanti għan-nisa li jiftħu n-negozji,
 1. Jifraħ lill-Kummissjoni talli kkunsidrat it-talbiet tal-Parlament fir-rigward tat-tħeġġiġ tal-intraprenditorija u tat-talent intraprenditorjali fost in-nisa, u jistedinha tintegra dan l-aspett fl-implimentazzjoni tal-inizjattiva "Erasmus għaż-Żgħażaġħ Intraprenditorjali";
 2. Jinnota b'dispjaċir li n-nisa jħabbtu wiċċhom ma' diffikultajiet biex jiftħu u jżommu negozji minħabba fatturi bħad-differenza fit-tagħrif, in-nuqqas ta' kuntatti u ta' aċċess għan-netwerks, id-diskriminazzjoni u l-isterjotipi skont is-sess, il-provvista dgħajfa jew inflessibbli ta' faċilitajiet għall-kura tat-tfal, id-diffikultajiet biex jingħaqdu l-obbligi tan-negozju u l-familja, kif ukoll id-differenzi fl-approċċ bejn in-nisa u l-irġiel lejn l-intraprenditorija;
 3. Jifraħ lill-Kummissjoni għall-inizjattiva ġdida tagħha biex tirrevedi d-Direttiva tal-Kunsill 86/613/KEE¹ dwar in-nisa li jaħdmu għal rashom u l-konjuġi nisa li jgħinu u jemmen li dan l-aġġustament minħabba ċ-ċirkostanzi ġodda se jgħin biex isahha l-intraprenditorija tan-nisa u biex iwessa' l-bażi ta' dawk li jaħdmu għal rashom;
 4. Jenfasizza li l-intraprenditorija tan-nisa tgħin sabiex in-nisa jidħlu fis-suq tax-xogħol u fit-titjib tal-istatus soċjo-ekonomiku tagħhom; jiddispjaċih madankollu li d-differenzi bejn is-sessi, b'mod partikulari fil-pagi, għadhom jippersistu f'dan il-qasam, minkejja l-interess qawwi muri rigward il-pożizzjoni tan-nisa, u barra minn hekk il-persentaġġ ta' nisa intraprendituri fl-Unjoni Ewropea baqa' baxxa, u dan huwa parzjalment dovut għan-nuqqas ta' rikonoxximent tal-kontribut tagħhom (pereżempju xogħol mhux imħallas) fil-ġestjoni ta' kuljum ta' impriżi żgħar jew ta' daqs medju familjali, li minkejja kollox huwa essenzjali;
 5. Jitlob lill-Kummissjoni biex twaqqaf kemm jista' jkun malajr netwerk ta' intraprendituri

¹ Direttiva tal-Kunsill 86/613/KEE tal-11 ta' Diċembru 1986 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali bejn l-irġiel u n-nisa involuti f'attività, inkluża l-agrikoltura, b'kapaċità li fiha jaħdmu għal rashom, u dwar il-protezzjoni ta' nisa li jaħdmu għal rashom waqt it-tqala u waqt li qegħdin irabbu t-tfal (ĠU L 359, 19.12.1986, p. 58).

nisa ambaxxaturi kif ukoll l-iskemi ta' tagħlim li jħeġġu lin-nisa joħolqu n-negozji propji tagħhom u jagħtu pariri ta' min hu involut b'mod dirett;

6. Jistieden lill-Istati Membri:

- biex jiżviluppaw programmi edukattivi tal-intraprenditorija indirizzati b'mod partikulari għan-nisa u biex jippromwovu, permezz ta' programmi nazzjonali u Ewropej, il-ġbir u t-tixrid tal-aħjar Prattiki, l-ispirtu ta' innovazzoni fiż-żgħażaġh, b'mod partikulari fit-tfajliet, u l-intraprenditorija;
- biex idañhlu dispożizzjonijiet fil-leġislazzjoni tagħhom dwar it-twaqqif tal-Impriżi Żgħar u ta' daqs Medju li jistgħu jiggarrantixxu l-istatus ta' sjieda legali ugwali għal dak tal-irġiel meta titwaqqaf impriża tal-familja;
- biex jippromwovu l-ħolqien ta' sħubijiet bejn l-intraprendisti tal-intrapriżi, ikun xi jkun is-sess tagħhom, sabiex titnaqqas id-diskriminazzjoni kontra n-nisa fl-ambjent tan-negozju;

7. Jistieden lill-Istati Membri biex jimplimentaw strateġiji sistematiki biex tissaħħaħ l-intraprenditorija femminili, kif ukoll miżuri konkreti li jiffaċilitaw l-aċċess tal-intraprendituri nisa għall-krediti u għas-servizzi bankarji, b'mod partikulari f'dak li għandu x'jaqsam mal-mikrosell; jitlob lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni biex jiżguraw li l-kriżi finanzjarja attwali ma jkollhiex effett ħażin fuq l-impriżi żgħar jew ta' daqs medju, u b'mod partikulari fuq l-intraprenditorija femminili;

8. Jitlob lill-Istati Membri biex jikkunsidraw regoli standard minimi dwar id-drittijiet ta' parteċipazzjoni tal-impjegati u l-programmi għall-ugwaljanza bejn is-sessi li jridu jimxu id f'id mal-istatut Ewropew tal-kumpaniji privati; biex jiġi żgurat li d-drittijiet tal-partiċipazzjoni tal-ħaddiema jiġu osservati, jipproponi li l-aktar strateġija xierqa tkun, bħal fil-każ tal-Kumpanija Ewropea u tas-Soċjetà Kooperattiva Ewropea, li toħroġ direttiva separata dwar id-drittijiet tal-partiċipazzjoni tal-ħaddiema li tkun tikkomplementa l-istatut Ewropew tal-kumpaniji privati;

9. Jitlob lill-Kummissjoni biex iżżid aktar rekwiżiti dettaljati, b'mod partikulari dwar id-dimensjoni transkonfinali ta' kumpanija privata Ewropea, ir-rekwiżit kapitali minimu tagħha, il-mod li bih l-entitajiet ta' tmexxija tagħha jkunu jistgħu jqisu l-partiċipazzjoni tal-impjegati u r-rappreżentanza tan-nisa kif ukoll it-trasparenza tal-operazzjonijiet tagħha;

10. Iħeġġeġ lill-Istati Membri biex jiffaċilitaw l-intraprenditorija femminili fis-settur tal-Impriżi Żgħar jew ta' Daqs Medju billi jitwaqqfu strutturi u faċilitajiet xierqa għal pariri professjonali u finanzjarji biex jiġu aġġornati l-ħiliet tal-ħaddiema nisa li jqisu bis-sħiħ l-aspetti tad-differenzi bejn is-sessi fl-iżvilupp tal-impriżi u li jqisu l-irwoli aktar wesgħin tan-nisa fil-familji u/jew fil-komunitajiet tagħhom;

11. Jiġbed l-attenzjoni li l-użu ta' teknoloġiji ġodda jgħin b'mod partikulari lill-intraprendituri nisa żgħażaġh biex jiffrankaw l-ispejjeż amministrattivi;

12. Jistieden lill-Istati Membri biex jiġbdu l-attenzjoni dwar in-negozji li jieħdu l-passi biex iħeġġu l-ugwaljanza bejn is-sessi, b'mod partikulari rigward il-pagi u l-aċċess għall-impjiegi, u biex jiffaċilitaw il-bilanċ bejn il-ħajja professjonali u dik privata;

13. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jieħdu passi ħalli jneħħu l-inugwaljanzi marbuta mal-ħarsien soċjali (l-aktar il-ħarsien tal-maternità) għan-nisa li jaħdmu għal rashom;
14. Jirrikonoxxi li t-taħriġ, ir-riċerka u l-iżvilupp li jkollhom l-appoġġ tal-Att dwar in-Negozji ż-Żgħar għandhom ikunu flessibbli biżżejjed biex jippermettu lin-nisa, l-aktar dawk li jkunu għadhom qegħdin jieħdu ħsieb it-tfal, biex ifittxu l-ħtiġijiet individwali tagħhom f'dawk li huma ħinijiet tax-xogħol;
15. Jirrikonoxxi li kwalunkwe sistema ta' appoġġ offruta lill-intraprendituri, u b'mod partikulari lill-intraprendituri nisa, inklużi t-taħriġ fil-ħiliet u fl-amministrazzjoni tal-impriżi u l-aċċess iffaċilitat għar-riżorsi (fosthom it-tagħmir, il-post, it-trasport u l-kreditu) għandu jkun kontinwu sabiex jgħin lin-negozji jibqgħu jeżistu wara l-għajjnuna tal-bidu;

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	2.12.2008
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 11 -: 0 0: 6
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Edit Bauer, Ilda Figueiredo, Věra Flasarová, Lissy Gröner, Urszula Krupa, Pia Elda Locatelli, Astrid Lulling, Siiri Oviir, Zita Pleštinská, Anni Podimata, Teresa Riera Madurell, Raúl Romeva i Rueda, Anne Van Lancker, Corien Wortmann-Kool, Anna Záborská
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Donata Gottardi, Marusya Ivanova Lyubcheva
Sostitut(i) (skont l-Artikolu 178(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Juan Andrés Naranjo Escobar